MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Talba Numru. 153/2007

**Public Broadcasting Services Limited**
**vs**
**Matthew Fenech**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ mitejn hamsu u disghinLira Maltin (LM295.00) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilu.

Illi ghalkemm l-imsemmi konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut dan baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija s-socjeta’ attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ mitejn hamsu u disghinLira Maltin (LM295.00).

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Mejju, 2006 (rif. 3068/06) u bl-interessi

skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat minn Dr Veronica Aquilina fis-26 ta' Marzu, 2007;

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza;

Jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------